**22 ta' Jannar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

*Il-Pulizija*

*versus*

Anthony *sive* Twanny Galea

**Sokor**

*Il-fatt li persuna, peress li tkun irrabjata, taġixxi b'mod li jista' jitqies anormali ma jfissirx neċessarjament li dik il-persuna tkun ukoll taħt l-influwenza ta' xorb alkoholiku jew fis-sakra.*

*Is-sokor mhuwiex dejjem u neċessarjament xi attenwant. Ir-regola hi li "s-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċeżżjoni kontra akkuża kriminali", u xi mindaqqiet is-sokor għandu jitqies bħala aggravanti għall-finijiet ta' piena, bħal per eżempju meta wieħed isuq vettura bil-mutur meta jkun fis-sakra.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Anthony *sive* Twanny Galea talli (1) fil-25 ta' Ġunju, 1995 għall-ħabta ta' bejn is-6.00 p.m. u s-7.00 p.m. waqt li kien qiegħed isuq karozza li ġġib in-numru H-3890 ta' għamla Datsun f'Racecourse Street, il-Marsa, u ġo Triq San Barolomew, Ħal Qormi saq l-imsemmija karozza għal fuq karozzi li jġibu n-numri S-3441 ta' l-għamla Ford Cortina, S-

4721 ta' l-għamla Mini Metro, G-2853 ta' l-għamla Fiat 131, A-5976 ta' l-għamla Fiat u D-4692 ta' l-għamla Audi u kkaġuna ħsara volontarja fuq l-istess karozzi liema ħsara teċċedi l-elf lira Maltija (Lm1,000) għad-dannu ta' George Facciol, Anthony Bartolo, Anthony Debono, Benjamin Micallef u Philip Galea rispettivament; (2) fl-istess data, ħin u lok saq l-imsemmija karozza fid-direzzjoni ta' PC 1094 Arthur Fenech bil-ħsieb li jikkaġuna offiża gravi fuqu, wera dan il-ħsieb b'atti esterjuri u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu; (3) fl-istess data għall-ħabta tas-7.30 p.m., waqt li *kien fl-għassa tal-pulizija ta' Hal Qormi, inġurja jew hedded* diversi membri tal-korp tal-Pulizija, liema persuni huma inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin *jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dak is-servizz;* jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (4) waqt li kien fl-għassa tal-pulizija ta' Hal Qormi fid-data u fil-ħin in kwistjoni għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS 667 Edgar Borg, PC998 David Caruana, PC677 Joseph Pace, PC813 John Zarb, PC618 Charles Vella u PC350 Emanuel Said, liema persuni huma inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi *mill-awtorita' kompetenti; (5) fl-istess data, ħin u lok saq l-*imsemmija karozza b'manjiera perikoluża u negliġenti; (6) u ma kellux fil-pussess tiegħu liċenzja tas-sewqan u b'hekk ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' kontra terzi pesuni; l-Ewwel Qorti ġiet mitluba li tittratta lill-imsemmi Anthony *sive* Twanny Galea bħala reċidiv peress li kien diġa' nstab ħati ta' diversi reati mill-Qrati ta' Malta u ukoll li f'każ ta' kundanna l-imsemmi Anthony *sive* Twanny Galea jiġi skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan, kif ukoll milli jottjeni xi liċenzja tas-sewqn għal żmien ta' mhux anqas minn sena;

Rat in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali tas-27 ta' Novembru, 1995; rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' April, 1996 li biha dik il-Qorti, wara li ddikjarat lill-imputat reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, *sabitu ħati ta' l-__ewwel__ imputazzjoni miġjuba* kontra tiegħu, iżda ddikjarat lil d-danni kkawżati huma ta' inqas minn elf lira Maltija, ma sabitux ħati tat-__tieni__ imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu mill-istess imputazzjoni, sabitu ħati tat-__tielet__, tar-__raba'__ u tal-__ħames__ imputazzjoni miġjuba kontra *tiegħu, "iżda mhux tat-tieni parti* tal-ħames akkuża u li ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra terzi u kwindi tilliberah minn din l-akkuża" u kkundannatu għall-piena ta' ħmistax-il xahar priġunerija *li* minnu għandu jitnaqqas il-perijodu ta' l-arrest preventiv u inoltre l-Ewwel Qorti skwalifikat lill-istess Galea milli jottjeni kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' sena wara li jkun skonta l-piena karċerarja;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Anthony *sive* Twanny Galea, minnu ppreżentata fl-10 ta' Mejju, 1996 li bih talab lil din il-Qorti tvarja l-imsemmija sentenza u tinfliġġi piena alternattiva għal dik karċerarja;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel xejn il-Qorti tippreċiża li l-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha u preċiżament fid-*decide*, ħawdet il-ħames mas-sitt imputazzjoni. Minn qari akkurat tas-sentenza l-Ewwel Qorti jidher li sabet lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjoni taħt il-Kap. 104, li hi t-tieni parti tas-sitt imputazzjoni u mhux it-tieni parti tal-ħames imputazzjoni. Pero', billi ma sar ebda appell *mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti hi prekluża milli tikkoreġi din* il-parti tas-sentenza. Kif inhi fformulata s-sentenza għalhekk, l-

appellant instab ħati biss ta' *sewqan b'manjiera perikoluża* (iżda mhux negliġenti) u peress li ma jissemma xejn dwar is-sitt imputazzjoni, din il-Qorti qiegħda neċessarjament tikkunsidra li l-appellant *ma nstabx ħati anqas tas-sitt imputazzjoni (kemm l-*ewwel parti tagħha kif ukoll it-tieni parti tagħha);

Premess dan, il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-aggravji ta' l-appellant. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-Ewwel Qorti messha ħadet *in* konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant, allura imputat, kien xurban fil-mument ta' l-allegati reati u li dan l-istat ta' intossikazzjoni kellu jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet ta' piena. *Mill-atti proċesswali jirriżulta* li l-abbli difensur ta' l-appellant ripetutament staqsa lil diversi xhieda jekk l-imputat kienx fis-sakra u dawn ripetutament wieġbu li *ġaladarba huma ma xammew ebda riħa ta'* xorb, *għalihom hu* ma kienx fis-sakra, għalkemm kien fi stat ta' rabja u eċċitament kbir. Il-fatt li persuna, peress li tkun irrabjata, taġixxi b'mod li jista' jitqies anormali ma jfissirx neċessarjament *li dik il-*persuna tkun ukoll taħt l-influwenza ta' xorb alkoholiku jew fis-sakra. Mill-provi ma hemm xejn x'jindika, anqas fuq bażi ta' probabilita', li l-appellant kien fis-sakra. U fi kwalunkwe każ kif inhu risaput, is-sokor mhuwiex dejjem u neċessarjament xi *attenwant*. Ir-regola hi li "s-sokor ma jistax jinġieb bħala eċċezzjoni kontra akkuża kriminali" (artikolu 34 (1), Kap. 9) u xi mindaqqiet is-sokor għandu jitqies bħala aggravanti għall-finijiet ta' piena, bħal per *eżempju meta wieħed isuq vettura* bil-mutur meta jkun fis-sakra. Fi kwalunkwe każ, ma hemm xejn x'jindika li l-appellant kien fis-sakra fil-mument ta' l-allegati *reati. Għalhekk dana l-aggravju qed jiġi respint;*

It-tieni u t-tielet aggravji ta' l-appellant jistgħu jiġu kkunsidrati flimkien. L-appellant jikkontendi li ma nġabet ebda prova li l-ħsara fid-diversi vetturi kienet waħda volontarja. *Inoltre* jikkontendi li l-azzjoni għall-ħsara volontarja tirrikjedi l-kwerela tal-parti leża. Minn eżami akkurat tal-provi, din il-Qorti

hi tal-fehma li l-appellant għandu raġun għal dak li jirrigwarda jekk il-ħsara minnu kkaġunata fil-vetturi kinitx doluża jew kolpuża. Kollox jindika li l-ħsara kienet ikkaġunata *involontarjament, sforz il-mod perikoluż li bih kien qed isuq l-*appellant. Skond l-artikolu 328 (d) tal-Kodiċi Kriminali, l-azzjoni għall-ħsara volontarja, ħlief meta tkun ikkaġunata fi proprjeta` pubblika, tirrikjedi l-kwerela tal-parti offiża, iżda *skond il-proviso ta' l-artikolu 373, il-pulizija tista' tmexxi* mingħajr din il-kwerela fil-każ, *inter alia*, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bil-kwerela ta' l-offiż isir flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku. Fil-*każ in diżamina, il-ħsara involontarja saret b'riżultat tas-sewqan* ta' l-appellant u r-reat ta' sewqan perikoluż hu reat li jmiss l-ordni pubbliku. Għalhekk l-azzjoni hi xorta waħda prosegwibbli *ex officio* mill-pulizija u r-reċess tal-parti offiża b'ebda mod ma *teffettwa dik l-azzjoni. Ir-reat ta' ħsara involontarja* hu kompriż u involut f'dak ta' ħsara volontarja;

Kwantu għall-piena, din il-Qorti, wara li qieset il-fedina *penali altament refrattarja ta' l-appellant, ma tarax alternattiva* ħlief li tapplika piena karċerarja. Pero`, in vista ta' dak li ngħad fil-paragrafu numru 3 ta' din is-sentenza, il-piena ta' priġunerija ser tiġi ndotta għal sena;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni (salv dak li ngħad *fil-paragrafu numru 1 ta' din is-sentenza a* rigward tal-ħames imputazzjoni) f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati tat-tieni u tas-sitt imputazzjoni, kif ukoll f'dik il-parti fejn skwalifikatu minn kwalunkwe liċenzja tas-sewqan għal perijodu *ta' sena wara li jiskonta l-piena karċerarja, tħassarha u* tirrevokaha fil-bqija u ċjoe` f'dik il-parti fejn sabitu ħati ta' l-ewwel imputazzjoni (ħsara volontarja) u fejn ikkundannatu għal ħmistax-il xahar priġunerija, u minflok issibu ħati ta' ħsara

involontarja fit-termini ta' l-artikolu 328 (d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah fuq id-diversi reati għall-piena karċerarja komplessiva ta' sena, li minnha għandu jitnaqqas il-perijodu li l-imsemmi Anthony *sive* Twanny Galea għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.